MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 6/2010

**George Vella Muskat**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

**Korrezzjoni f'kunjom**.

Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li kunjomu hu "Vella Muskat" u mhux "Vella Muscat", u korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu sabiex ikun jirrifletti l-kunjom tieghu.

Min-naha tieghu l-konvenut qieghed isostni li din il-korrezzjoni m'hijiex possibbli ghaliex missieru (Giuseppe Vella Muscat) hu iben Vittorio Vella u Rosa xebba Muscat kif jirrizulta mill-att tat-twelid tal-1 ta' Marzu 1911.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. L-attur hu iben Giuseppe Vella u Mary xebba Schembri u twieled fit-8 ta' Lulju 1940.
2. Giuseppe Vella hu iben Vittorio Vella u Rosa xebba Muscat u twieled fl-1 ta' Marzu 1911.
3. Jirrizulta li missier l-attur (Giuseppe) kien zied kunjom ommu (Rosa Muscat) ma' dak ta' missieru (Vittorio Vella), u kien jispellih "Muskat" minhabba l-kwistjoni dwar il-lingwa Taljana u dik Maltija.
4. L-att tat-twelid tal-attur kien gie ffirmat minn missieru bhala J.V. Muskat.
5. Missier l-attur miet fil-25 ta' Ottubru 1998 u fic-certifikat tal-mewt ismu u kunjomu gie registrat: *"Giuseppe Vella known as Vella Muskat"*.
6. Mill-provi li tressqu m'hemm l-ebda dubju li l-attur dejjem kiteb kunjomu **"Vella Muskat"**. Ma tidher l-ebda kontestazzjoni dwar dan. L-istess jidher li ghamlu hutu.
7. L-attur izzewweg fil-11 ta' Lulju 1976 u fic-certifikat taz-zwieg kunjomu mnizzel bhala "Vella Muskat".
8. L-attur ghandu zewgt itfal, Ruth u Keith li twieldu fl-4 ta' April 1977 u 23 ta' April 1980 rispettivament, u fic-certifikat tat-twelid taghhom kunjom l-attur imnizzel bhala "Vella Muskat".

Il-qorti hi sodisfatta li mill-provi jirrizulta li sa mit-twelid il-kunjom li kien jintuza ghall-konvenut kien "Vella Muskat" u mhux "Vella". Kunjom li kien ukoll juza missieru. L-attur qieghed jitlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu fis-sens li kunjom missieru jigi jaqra **"Vella Muscat"**.

L-attur twieled fit-8 ta' Lulju 1940 meta ma kienx hemm provvediment espress li jghid li t-tfal jiehdu kunjom missierhom, u meta fit-certifikat tat-twelid ma' gemb l-isem tat-tarbija ma kienx jitnizzel il-kunjom. Madankollu kien hemm disposizzjonijiet fil-Kodici Civili minn fejn b'mod indirett kien jirrizulta li t-tfal imweldin fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet: **Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003: ***"..... it-tifel legittimu kien dejjem meqjus li jiehu kunjom missieru, u dan kien jista' jigi***

***argumentat minn dak li kienu jipprovdu l-Artikoli 80(2)(a), 92(1), 278 u 279 tal-Kap. 16.”***.

Permezz tal-emendi li kienu dahlu fis-sehh bl-Att XXI tal-1993 gie nserit provvediment fil-Kodici Civili li wlied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom (Artikolu 4 tal-Kodici Civili). Madankollu jistghu jkollhom ukoll kunjom xbubit ommhom mizjud ma’ kunjom il-missier.

L-attur isostni li m’hemmx ostakolu ghat-talba li qieghed jaghmel ghaliex l-Artikolu 253(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*“Kull persuna tista’ taghmel* ***talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet*** *jew thassir* ***ta’ registrazzjoni****, jew ghar-registrazzjoni ta’ att illi d-Direttur, bil-kunsens ta’ wiehed mill-Vizitaturi ta’ l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jircievi.”*.

Normalment korrezzjoni tkun mehtiega ghaliex ikun ittiehed zball meta ssir ir-registrazzjoni. Madankollu l-attur ma bbazax il-kawza fuq din il-kawzali imma li l-familja tieghu hi maghrufa bil-kunjom “Vella Muskat” u mhux “Vella Muscat”. M’hemmx kontestazzjoni li t-tfal imweldin fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom. L-attur hu iben Joseph Vella li missieru kien Vittorio Vella (in-nannu patern tal-attur). Vittorio Vella twieled fit-22 ta’ April 1878 (fol. 21) u missieru kien jismu Giuseppe Vella. Fic-certifikat tat-twelid tal-attur hemm zball ghaliex nannuh (Vittorio Vella) gie dikjarat bhala “Vittorio Vella Muscat”, izda l-kawza ma tittrattax dwar dan l-izball.

Certifikat ta’ twelid hu dokument storiku; *“Lo stato civile, val dire il modo legale di esistenza di ciascun uomo nella famiglia e nella societa’, si fonda sopra tre avvenimenti. Questi avvenimenti che segnalano il passaggio dell’uomo sulla terrra, e che formano la base del suo stato civile, sono: la nascita, il matrimonio e la morte****. La legge deve con somma premura ed esattezza constatare detti avvenimenti, onde fissare in modo certo l’esistenza e l’epoca dei diritti acquistati, delle obbligazioni contratte o trasmesse e le successioni. Tale e’ appunto lo scopo degli atti dello stato civile.***”*

(*Commentario del Codice di Procedura Civile del Regno d'Italia*, Volum VIII Domenico Antonio Galdi pagna 90).

Inoltre kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **John Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza fit-2 ta' Marzu 1994:

*"Dan hu fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattaw ma' certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet......"*.

M'hemmx dubju li l-kaz odjern ma jitrattax dwar zball. L-attur irid li fl-att tat-twelid tieghu, kunjom missieru jkun jaqra "Vella Muskat", u dan *"konformement **kif dejjem kitbu r-rikorrent u l-kunjom li komunement huwa maghruf bih ir-rikorrent.**"* (fol. 2). Mid-deposizzjoni tal-attur irrizulta x'kien wassal lil missieru sabiex jibda juza l-kunjom *"Vella Muskat"*. Fil-gurisprudenza hu accettat li fil-kaz ta' kunjom korrezzjoni tista' ssehh biss fejn espressament tipprovdi l-ligi (ezempju Artikolu 110(1), Artikolu 92 u Artikolu 124 tal-Kodici Civili) jew minhabba zball; *"......ma jidhirx illi fl-istat tal-ligi Maltija dak li jkun jista' bis-semplici volonta' tieghu jippretendi li jista' jibdel kunjomu jew jezigi rettifika f'dan is-sens anke jekk ghalih ikun jissarraf bhala xi sinjal distintiv ta' l-identita tieghu."* (**Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004). Jidher li l-hsieb wara dan il-kuncett hu sabiex ma tippermettix li jinholoq riskju ta' konfuzjoni dwar l-identita' jew parentela tal-persuna. Fl-Ingilterra tezisti sistema maghrufa bhala *deed poll*, li tippermetti lill-persuna li jibdel ismu u/jew kunjomu. Meta persuna tintalab sabiex tidentifika ruhha, tipprezenta d-dokument maghruf bhala *deed poll*. Dan jaghti d-dritt lill-persuna li fid-dokumenti ufficjali (ezempju passaporti, licenzja tas-sewqan, kontijiet bankarji) jaghmel uzu mill-isem jew kunjom gdid. Pero din il-procedura ma twassalx ghal tibdil fic-certifikat tat-twelid in kwantu dan hu dokument storiku.

F'Malta hu biss fil-kaz ta' isem (*forename*) li tista' tintalab korrezzjoni fejn persuna matul hajjitha tkun maghrufa b'isem differenti mill-isem li jidher fl-att tat-twelid (Artikolu 252(2) tal-Kodici Civili)[1]. Kieku l-legislatur ried li dan ir-rimedju jkun miftuh ukoll ghall-kunjom, ma kienx jillimita ruhu ghall-korrezzjoni f'kaz ta' isem biss. Inoltre l-Artikolu 252(1) ma jistax jinqara wahdu, kif donnu qieghed jaghmel l-attur. Ghalkemm fil-hajja ta' kuljum persuna tista' tasal sabiex tbiddel il-mod kif tikteb kunjomha, b'daqshekk ma jfissirx li ghandha d-dritt li titlob korrezzjoni fic-certifikat ta' twelid taghha. Hadd ma jista' jbiddel il-kunjom. Hu minnu li meta missier l-attur kien iddikjara t-twelid ta' ibnu kien iffirma "J.V. Muskat", pero dik kienet ghazla tieghu. B'daqshekk ma jfissirx li dak kien kunjomu.

**Ghal dawn il-motivi ghalkemm mill-provi rrizulta li fil-hajja tal-kuljum l-attur hu maghruf ukoll bil-kunjom "Vella Muskat", tichad it-talbiet tal-attur ghall-korrezzjoni tac-certifikat ta' twelid bil-mod kif jippretendi.**

**Wara d-digriet moghti fit-13 ta' Jannar 2010 (fol. 9-10) il-qorti hi tal-fehma li m'hemmx x'jinghad dwar il-kap tal-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

---

[1] Ara per ezempju **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003. Fil-kawza **Matthew-Paul Degiorgio et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J Zammit Mckeon) fit-28 ta' Mejju 2009, gie osservat:- *"Talba ghal bdil fil-kunjom ghandha izjed tirnexxi meta jkun jidher car mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' zball. Qatt ma kien il-hsieb tal-Legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Huwa minnu li d-diversi sentenzi juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom, jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien."*.